**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. IMHALLEF EDWINA GRIMA**

**Illum l-Erbgha 26 ta' Frar 2020**

**Att ta` l-Akkuza Nru. 08/2019**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Tony Curmi**

**Il-Qorti :**

**1**. Rat l-Att ta' l-Akkuza imressqa mill-Avukat Generali kontra l-appellat Tony Curmi fid-09 ta' Awwissu 2019, akkuzat:

> i. Fl-Ewwel Kap talli fit-22 ta' Novembru 2014 gewwa l-Gzejjer Maltin ipproduca, biegh jew xort'ohra ttrafika fir-raza mehuda mill-pjanta Kannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

ii. Fit-Tieni Kap talli fit-22 ta' Novembru tas-sena 2014 gewwa il-Gzejjer Maltin, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis meta kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

**2**. Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata mill-akkuzat u l-lista tax-xhieda maghha annessa, fejn fost ohrajn gie indikat bhala xhud in difeza il-Kummissarju tal-Pulizija biex jixhed u jezebixxi il-fedina penali tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Wayne Grima.

**3**. Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tad-09 ta' Settembru 2019 fejn fost ohrajn issolleva l-inammissibilita' tax-xhud Kummissarju tal-Pulizija stante li l-oggett tal-prova rikjest minnu mhuwiex legalment sostenibbli stante li jitratta dwar fedina penali ta' terza persuna li hija semplicement xhud, liema dokument huwa wiehed personali u bl-ebda mod m'ghandu jigi a konjizzjoni tal-gurati.

**4**. Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tad-19 ta' Novembru 2019 li permezz tieghu cahhdet it-talba tal-Avukat Generali fejn issolleva l-inammissibilita' tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala xhud u ddikjarat illi sejra fi stadju ulterjuri

tawtorizza lil Kummissarju tal-Pulizija jipprezenta il-fedina penali ta' Wayne Grima sabiex din tkun disponibbli ghal gurati.

**5**. Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-25 ta' Novembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tghaddi sabiex tiddisponi mill-materja in kwistjoni skont il-ligi u dana fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

**6**. Rat ir-risposta ta' l-akkuzat/appellat Tony Curmi pprezentata fit-3 ta' Dicembru 2019 fejn iddikjara li ma jaqbilx mas-sottomissjonijiet maghmula mill-Avukat Generali fl-appell minnu intentat.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**8**. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**9**. Illi dan l-appell intentat mill-appellant Avukat Generali ifittex ir-revoka ta' digriet interlokutorju moghti mill-Qorti Kriminali fejn din laqghet it-talba tal-akkuzat sabiex jigi ingunt biex jixhed matul ic-celebrazzjoni tal-guri l-Kummissarju tal-Pulizija u jezebixxi fil-kors tax-xiehda tieghu l-fedina penali ta' Wayne Grima, li huwa wiehed mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Illi dan l-appell qed isir fit-termini tal-artikolu 499(1) tal-Kodici Kriminali, bl-Avukat Generali joggezzjona b'mod ewlieni ghall-ammissibilita' tax-xhud Kummissarju tal-Pulizija bl-iskop uniku li dan jezebixxi l-fedina penali tal-imsemmi Wayne Grima.

**10**. Illi l-Ewwel Qorti, wara li ghamlet ezami tal-gurisprudenza in materja kienet tal-fehma illi:

> **"il-Qorti ma tistax diga f'dan l-istadju *a priori* tordna li fedina penali ta' xhud ma tigix prezentata stante li ma hemm xejn li huwa inammissibbli fil-prezentata taghha, ir-rilevanza hija umbaghad haga ohra li tkun ghal Qorti li tizen kemm hi rilevanti u tiggwida l-gurati dwar ir-relevanza o meno taghha."**

**11**. L-Avukat Generali jilmenta izda li jekk lil gurati tigi lilhom murija l-fedina penali tax-xhud Wayne Grima, din tista' tohloq pregudizzju u tinfluwenzahom fid-deliberazzjoni li jaghmlu meta jigu biex iqiesu x'piz ghandha tinghata d-deposizzjoni ta' dan x-xhud bir-riskju illi jkun hemm amminsitrazzjoni hazina tal-gustizzja.

**12**. Illi minn harsa hafifa lejn l-atti processwali u kumpilatorju ghandu jirrizulta illi x-xhud tal-Prosekuzzjoni Wayne Grima, allegatament huwa l-komplici tal-akkuzat fil-kummissjoni tad-delitt lilu addebitat fl-Att tal-Akkuza u cioe' dak ta' traffikar u pussess aggravat ta' droga, u dan meta l-akkuzat ghadda d-droga f'idejn l-imsemmi Grima sabiex din tigi ikkustodita minnu. Wayne Grima jirrilaxxja stqarrija guramentata fit-termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jimplika lill-appellat, li fiha innifisha tikkostitwixxi prova in atti.

**13**. Illi fis-sottomissjonijiet minnu maghmula l-Avukat Generali jikkoncedi illi l-Kummissarju tal-Pulizija huwa xhud ammissibbli, izda mhux ghar-raguni li jindika l-akkuzat u cioe' sabiex jezebixxi l-fedina penali ta' Wayne Grima bil-ghan illi d-difiza tiskredita lil dan ix-xhud tal-Prosekuzzjoni.

**14**. Illi l-Qorti minnufih tistqarr illi l-Avukat Generali ma ghandux ragun. Kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti ma hemm l-ebda bazi skont il-ligi li tirrendi x-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala wahda inammissibbli, kif lanqas tista'

titqies inammissibbli l-prova li qed ifittex li jaghmel l-akkuzat permezz tal-fedina penali tax-xhud. Dan il-jedd fil-fatt huwa moghti lilu bil-ligi permezz tal-artikolu 459A(1)(b) tal-Kodici Kriminali fejn l-akkuzat jew id-difensur tieghu jista' jistaqsi mistoqsijiet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni, meta l-andament tad-difiza jkun tali li jinvolvi akkuzi dwar il-karattru ta' tali xhieda. Illi gie deciz:

> **"Kull prova li hija rilevant ghal "facts in issue" hija ammissibbli. X'inhuma "facts in issue" insibuh spjegat fi Cross on Evidence (4th Ed. 1974,p.4) fejn jinghad illi:** ***'The main facts in issue are all those facts which the.... prosecutor in criminal proceedings must prove in order to succeed, together with any further facts that the …. Accused must prove in order to establish a defence.'"*** [1]

**15**. Dan ifisser illi ma hemm xejn x'josta lid-difiza milli tattakka l-karattru tax-xhieda tal-prosekuzzjoni bil-ghan li dawn jigu skreditati f'dak illi jixhdu f'ghajnejn l-awtorita' gudikanti, jew ai fini ta' kontroll ta' dak li jghid ix-xhud, b'dan madanakollu illi mbaghad terfa' fuq spallejha ir-riskju illi l-prosekuzzjoni tista' tqieghed fl-arena tal-gudizzju l-karattru u antecedenti tal-akkuzat ukoll.

**16**. Illi l-Qorti ma tistax fl-interessi tal-gustizzja tostakola lill-akkuzat milli jressaq il-provi li huma permessi bil-ligi sabiex jaghmel id-difiza tieghu ghaliex altrimenti dan jista' jkun vjolattiv tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Illi wahda mill-armi li ghandha f'idejha id-difiza hija li tattakka il-kredibilita' tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u x-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-fedina penali tax-xhud Wayne Grima tista' isservi proprju ghal dan l-iskop. Issa dan ix-xhud, u cioe' il-Kummissarju tal-Pulizija, se jigi prodott fl-istadju tal-provi tad-difiza u kwindi f'dak l-istadju meta x-xhud Wayne Grima ikun diga' iddepona. Illi l-Imhallef togat ghandu jara/tara, fl-istadju meta tkun ser titressaq din il-prova illi l-akkuzat qed ifittex li jaghmel, illi l-istess ghandha rilevanza fil-kawza, u allura tkun rilevanti ghal '*facts in issue*' u ghad-difiza imqanqla mill-akkuzat, u jekk tithalla issir din il-prova imbaghad, fl-indirizz finali ghandu/ha jaghti/taghti dik

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Louis sive Lewis Bartolo – App.Sup. deciza 02/11/1981

id-direzzjoni fic-cirkostanzi tal-kaz, li fil-fehma tieghu/taghha tkun mehtiega sabiex il-gurati jkunu jistghu jilhqu id-decizjoni taghhom skont il-ligi.

**17**. Illi sfortunatament fis-sistema tad-dritt penali taghna l-legislatur ma jirregolax il-mod kif dina l-evidenza ghandha tigi mressqa ghal konsiderazzjoni tal-gurati u f'liema cirkostanzi. Il-ligi Ingliza permezz tal-*Criminal Justice Act 2003*, irregolat darba ghal dejjem ic-cirkostanzi meta tista' tingieb 'il quddiem il-prova dwar il-karattru kemm tal-persuna akkuzata kif ukoll tax-xhieda meta taghmel provvediment *ad hoc* billi, fil-kaz tax-xhieda, tindika tlett cirkostanzi meta l-Qorti ghandha tippermetti li titressaq prova dwar il-karattru u antecedenti ta' xhud, meta hemm dispost fl-artikolu 100 tal-istess Att:

> ***100 (1) In criminal proceedings evidence of the bad character of a person other than the defendant is admissible if and only if—***
>
> ***(a) it is important explanatory evidence,***
>
> ***(b) it has substantial probative value in relation to a matter which—***
>
> > ***(i)is a matter in issue in the proceedings, and***
> >
> > ***(ii) is of substantial importance in the context of the case as a whole,***
>
> ***or***
>
> ***(c) all parties to the proceedings agree to the evidence being admissible.***
>
> ***(2) For the purposes of subsection (1)(a) evidence is important explanatory evidence if—***
>
> ***(a) without it, the court or jury would find it impossible or difficult properly to understand other evidence in the case, and***
>
> ***(b) its value for understanding the case as a whole is substantial.***
>
> ***(3) In assessing the probative value of evidence for the purposes of subsection (1)(b) the court must have regard to the following factors (and to any others it considers relevant)—***

*(a) the nature and number of the events, or other things, to which the evidence relates;*

*(b) when those events or things are alleged to have happened or existed;*

*(c) where—*

*(i) the evidence is evidence of a person's misconduct, and*

*(ii) it is suggested that the evidence has probative value by reason of similarity between that misconduct and other alleged misconduct, the nature and extent of the similarities and the dissimilarities between each of the alleged instances of misconduct;*

*(d )where—*

*(i) the evidence is evidence of a person's misconduct,*

*(ii) it is suggested that that person is also responsible for the misconduct charged, and*

*(iii) the identity of the person responsible for the misconduct charged is disputed, the extent to which the evidence shows or tends to show that the same person was responsible each time.*

*(4) Except where subsection (1)(c) applies, evidence of the bad character of a person other than the defendant must not be given without leave of the court.*

**18**. Illi wasal iz-zmien li l-legislatur ifassal ukoll regoli meta u kif l-Qorti tista' tippermetti tali evidenza billi l-ligi penali taghna thalli din il-kwistjoni interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Illi dan maghdud madanakollu, ma ghandux ikun hemm dubbju li l-evidenza li l-akkuzat qed ifittex illi jressaq fl-istadju tal-provi tad-difiza hija ammissibbli bhala prova in atti, u dan meta l-fedina penali tax-xhud tista' tezercita kontroll fuq dak li x-xhud jistqarr fix-xiehda tieghu, iktar u iktar fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ix-xiehda ta' komplici f'akkuzi li jikkoncernaw it-traffikar ta' droga ma tinhtieg l-ebda korroborazzjoni[2]. Issa jekk tali prova hijiex rilevanti o meno u dan ghal fini biex jigi mistharrga il-kredibilita ta' xhud fit-

[2] Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina,m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra.

termini tal-artiklu 637 tal-Kodici Kriminali, liema xhud huwa determinanti ghall-ezitu tal-kaz, jew ghal xi raguni ohra, ghandu jigi determinat mill-Imhallef togat matul ic-celebrazzjoni tal-guri b'dan illi l-gurati jigu ggwidati kif ghandhom iqiesu tali prova.

**19**. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti, ghalhekk tidderiegi lil Qorti Kriminal sabiex, fl-ewwel lok tordna lill-Prosekuzzjoni tqieghed il-fedina penali tax-xhud Wayne Grima ghad-disposizzjoni tad-difiza, u fit-tieni lok tara illi l-imsemmija evidenza tigi mressqa quddiem il-gurati, jekk din il-prova titqies rilevanti mill-Imhallef togat, biss wara li jkun iddepona l-imsemmi xhud u wara li jkun sarlu l-kontro-ezami mid-difiza, jekk din tkun rilevanti ghal *facts in issue*. Fl-eventwalita' li dan isir, l-Qorti Kriminali ghandha tara illi fl-indirizz finali tinghata dik il-gwida mehtiega lil gurija dwar kif ghandha tqies tali prova skont il-ligi meta tigi biex taghmel id-deliberazzjoni taghha.

**Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud, b'dan illi l-Qorti Kriminali ghandha timxi skont id-direzzjoni lilha moghtija f'din is-sentenza.**

**Tibghat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex il-kaz jitkompla skont il-ligi.**

**(ft) Imhallfin**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**
**Deputat Registratur**